# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 19 ta' Mejju, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 1163/2017 TA**

**Carmel sive Charles Taliana (K.I. 286269M)**

**vs**

**John Tonna u Phillip Tonna u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2018 intervjeniet fil-kawża s-soċjetá Argus Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetá estera Argus insurance Company (Europe) Limited in statu et terminis u b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2021 l-istess soċjetá Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC1216) assumiet l-atti tal-kawża minflok Argus Insurance Agencies Limited.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2017 u maħlufa fl-istess jum mill-Attur Carmel sive Charles Taliana li permezz tagħha talab is-segwenti:-

1. "Illi fis-17 ta' Mejju 2014, waqt li r-Rikorrenti kien qed isuq is-serkin tiegħu huwa kien involut f'inċident tat-traffiku ġewwa Ħaż-Zebbug mall-vettura numru FBW 963 liema vettura kienet qed tinsaq b' Trial Run Plates 175 reġistrati f'isem Ventur Auto imports Limited, kienet qed tinsaq minn John Tonna jew Philip Tonna, u kienet reġistrata f' isem Louis Gauci Borda;

2. Illi għal dan l-inċident jaħtu biss l-intimati jew minn minnhom imħabba sewqan traskurat, negliġenti u b' nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku u ksur oħra tar-Regolamenti tat-Traffiku u dana kif sejjer jiġi spejgat aħjar waqt it-trattazjoni tal-kawża;

3. Illi b' riżultat ta' dan l-istess inċident l-esponent sofra danni konsiderevoli u sejjer isofri danni futuri, u dana fost raġunijiet oħra minħabba l-ġrieħi serji li huwa sofra f'dan l-inċident li wasal għal debilita ta' natura permanenti ta' 10 % kif iċċertifika l-ispeċjalista mediku, Jason Zammit, u dana kollu kif sejjer jiġi ampjament spejgat waqt is-smiegħ tal-kawża;

4. Illi l-intimati għalkemm interpellat, anki tramite l-assikurazzjoni tagħhom, sabiex jaddivvjeni għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni baqa inadempienti;

Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett għaliex din il-Qorti ma' għandiex:

(i) tiddikjara li l-intimat jew minn minnhom unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni imħabba traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-Regolamenti tat-traffiku da parti tagħhom jew minn minnhom;

(ii) tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti, jekk hemm bżonn premezz ta' periti nominandi, u

(iii) tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom iħallas lill-esponenti dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni flimkien mall-imgħaxijet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk ta' Ittra Uffiċjali tat-2 ta' Frar 2016 u ta' Ittra Uffiċjali ppreżentata kontestwalment mall-preżenti, kontra l-assikurazzjoni tal-intimati, kontra l-intimat li jibqaw minn issa inġunti għas-subizjoni".

Rat ir-risposta ġuramentata preżentata fis-17 ta' Jannar 2018 u maħlufa fl-istess

jum mill-konvenut John Tonna li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

1. "Illi l-azzjoni hija llum preskritta bi preskrizzjoni ta' sentejn mid-data li seħħ l-inċident mertu tal-kawża;

2. Illi l-inċident mertu tal-kawża odjerna seħħ uníkament ħtija tar-rikorrenti Carmel Taliana li dakinhar tal-inċident bl-aktar mod irresponsabbli beda jsuq b'mod perikoluż iż-żiemel tiegħu bis-serkin ġewwa Triq l-Imdina Zebbug ossia waħda minn l-aktar toroq traffikużi ġewwa Malta u dana kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża;

**3.** Illi konsegwentement l-eċċipjenti ma' għandhom għalhekk jiġu kkundannti jħalsu ebda danni, liema danni jekk xejn iridu jiġu ppruvati;

**4.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u f'pessima ipotesi jekk jiġu likwidati xi danni, dawn għandhom jitħalsu mis-soċjeta assikuratriċi li kienet qed tassikura l-vettura li biha sar l-inċident in kwantu dina kienet bil-pjanċi tat-tip Trial Run' licenzjata fuq Ventur Auto Imports Limited;

Salv eċċezjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż".

Rat in-nota preżentata fit-28 ta' Frar 2018 permezz ta' liema il-Konvenuti "*qed jiddikjaraw li 'n vista tal-ittra uffiċċjali preżentata minn l-attur f'dawna l-atti huma qiegħdin jirrinunzjaw għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija fir-risposta ġuramentata tagħhom;*"

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjetá intervenuta fil-kawża b'digriet tal-21 ta' Marzu 2018 Argus Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetá estera Argus Insurance Company (Europe) Limited li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

**1.** "Illi s-soċjeta esponenti kienet ħarġet polza ta' assigurazzjoni tat-tip Third Party Fire and Theft sabiex tkopri l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBW 963, di proprieta ta' Louis Gauci Borda, bil-kundizzjoni espressa illi f'każ ta' trasferiment ta' din il-vettura, l-assigurat kellu jinforma lill-esponenti dwar l-istess;

**2.** Illi b'danakollu, jirriżulta illi Louis Gauci Borda biegħ il-vettura lil Ventur Auto Dealer mingħajr ma informa b'dan lill-esponenti, kif kien obbligat illi jagħmel fil-mument illi sar dan il-bejgħ, il-kopertura tal-polza maħruġa mill-esponenti ntemmet ai termini tal-istess. Jidher illi dan il-beigħ sar qabel is-17 ta' Mejju 2014;

**3.** Illi nhar is-17 ta' Mejju 2014, l-imsemmija vettura kienet involuta f'inċident awtomobilistiku fi Triq l-Imdina, Ħaż-Zebbug waqt illi kienet misjuqa mill-konvenut John Tonna bi prova, u di fatti kellha n-numru ta' reġistrazzjoni *Trial Run* 175.

**4.** Illi jirriżulta illi fil-mument tal-inċident, il-vettura in kwistjoni kienet koperta minn polza tat-tip *Trial Run* maħruġa mis-soċjeta' Citadel Insurance plc u kwindi l-esponenti ma tistax tiġi kkunsidrata bħala l-assigurazzjoni kkonċernata f'dan l-iniċident u ma tistax tiġi kkundannata illi tħallas id-danni pretiżi mill-attur ai termini tal-**Kap. 104** tal-**Liġijiet ta' Malta** - ciononostante hija ġiet notifikata bl-ittra

ppreżentata mill-attur għall-fini tal- istess Att u kwindi hija kienet kostretta illi tintervjeni f'dawn il-proċeduri;

**5.** Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, fi kwalunkwe każ, l-attur għandu jġib l-aħjar prova tal-ħtija tal-konvenuti jew min minnhom għall-inċident de quo u tal-ammont ta' danni minnu reklamati.

Salv eċċezjonijiet ulterjuri".

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat li ma ġietx preżentata nota ta' sottomissjonijiet mill-Konvenuti;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Frar 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti:</u>**

Permezz ta' din il-Kawża l-Attur qiegħed ifittex għad-danni li sofra meta fis-17 ta' Mejju 2014 ġie milqut minn vettura bi Trial Run Plates numru 175 waqt li kien qed isuq serkin/xarretta miġbud minn bhima. Jirriżulta li din il-bhima kienet debba bl-isem 'lady of ice' (ara ċertifikat mediku a' fol 360). Dan l-inċident seħħ fi Triq l-Imdina direzzjoni lejn Hal-Qormi ftit 'l fuq mir-roundabout li tagħti għas-Siġġiewi.

Jirriżulta mir-rapport tal-Pulizija li l-inċident seħħ fis-sitta u kwart ta' filgħodu (06:15) filwaqt li r-rapport innifsu ġie mdaħħal fl-għaxra u sebgħa u għoxrin minuta ta' filgħodu (10:27) minn ċertu Gordon Portelli PC 1486 (a' fol 255).

Skont ix-xhieda tal-eks surġent 546 Mario Deguara (a' fol 345 u 346), il-Pulizija marru mall-ewwel fuq il-post hekk kif ġew infurmati bl-inċident mill-*control room* għal ħabta tas-sitta u għoxrin ta' filgħodu. Il-Pulizija sabet li kemm il-vettura kif ukoll is-serkin u l-bhima tneħħew minn fuq il-post tal-inċident u għalhekk ma kienetx f'qagħda li tħejji skizz tal-istess. Hija ħadet biss il-verżjonijiet ta' dawk li sabet preżenti. B'konsegwenza ta' dan l-inċident saret din il-Kawża.

**<u>Punti ta' Liġi:</u>**

Il-kawżali u t-talbiet kif mfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw culpa aquiliana lill-Konvenuti, għad-danni li l-Attur jallega li sofra u qed isofri konsegwenza tal-ħsara li huwa ġarrab kemm fuq il-persuna tiegħu, kif ukoll fuq id-debba u s-serkin. Għalhekk id-danni li qiegħed ifittex għalihom l-Attur huma extra-kuntrattwali.

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni. Il-Qrati tagħna bosta drabi spjegaw x'inhuma l-elementi ġuridiċi biex din l-azzjoni tirnexxi.

L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu. Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias.

Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti"* (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

Huwa wkoll aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna illi "*l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett"* (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**). Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diligenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż; "*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**).

Ikompli jingħad fis-Sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene"*.

Filwaqt li fis-sentenza fil-kawża **Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti (PA/PS) fit-3 ta` Ottubru 2003,** b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, jingħad hekk:

"*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu; Issa kif saput, il-*

*fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b` nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali".*

Fis-Sentenza li tat il-**Qorti tal-Appell fil-15 ta` Diċembru 2015 fil-kawża "Paul Azzopardi et vs Charles Grech et** ingħad illi :-

*"… jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut ma` d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi.*

*Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-"ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom".*

**<u>Konsiderazzjonijiet:</u>**

Kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq, waħda mill-problemi li kellha tirriskontra din il-Qorti kienet dik li ma ittieħidx skizz tal-inċident. Għalhekk ser ikollha tirrikorri għax-xhieda li inġabret f'dawn il-proċeduri.

Skont il-verżjoni tal-Attur kif meħuda mill-Pulizija dik inhar tal-inċident, il-ħabta seħħet b'dan il-mod: "*Kont nieżel Imdina Road biż-żiemel mal-Ħajt tal-Pompa tal-Petrol ta' Falzon u Rajt li mu ġej ħadd u qsamt. Ftit wara li mxejt l-isfel man-naħa tar-rail, qlajt daqqa minn wara ġor-rota tax-xellug u mad-daqqa ramini ma' l-art.*" (ara rapport fol 257)

Il-Pulizija ħadet ukoll il-verżjoni ta' l-intimat John Tonna, li dak inhar preżenta ruħu bħala x-xufier tal-vettura imsemmija. John Tonna qal li "*kien nieżel fid-direzzjoni minn Ħaż-Żebbuġ lejn Ħal-Qormi meta kien hemm żiemel li kien mixi man-naħa ta' barra tar-rail ftit l-isfel minn Ray Autodealer u bix-xemx ma rajthux bil-konsegwenza li dħalt fih u min kien qed isuqu tar minn fuq is-serkin.*" (ara rapport fol 256)

Jirriżulta mill-istess rapport a' fol 258 li "*Dan Tonna kellu xhud miegħu lil Keith Grima ID:379786M li kien riekeb fl-istess Vettura ...Keith Grima ikkonferma dak kollhu li qal John Tonna*". Jirriżulta mill-atti, li dan Keith Grima huwa d-Direttur tal-kumpanija Ventur Auto Imports Limited, is-sid tal-vettura involuta fl-inċident in mertu (ara xhieda Keith Grima a' fol 391 u xhieda Philip Tonna a' fol 481, fol 538A u 538Q).

Minkejja din il-konferma imniżżla fir-rapport tal-pulizija, mill-atti jirriżulta li Keith Grima ma kienx fil-karozza jew b'xi mod ieħor preżenti dik inhar tal-inċident u li fl-ebda ħin ma ġie avviċinat mill-Pulizija (ara xhieda Keith Grima a' fol 395 u kontro-eżami Philip Tonna a' fol 538Q). La l-intimat John Tonna u lanqas Keith Grima ma kienu fil-vettura jew kienu b'xi mod ieħor parti fl-inċident. Is-sewwieq

tal-vettura kien fil-fatt il-konvenut l-ieħor Philip Tonna, li jiġi bin il-konvenut John Tonna.

Dan joħroġ mill-*update* fir-rapport tal-pulizija a' fol 259 mdaħħal minn ċertu PS 1482 fis-26 ta' Jannar 2016, jiġifieri ftit iktar minn sena u tmin xhur wara l-inċident (a' fol 259). Skont dan l-update, ċertu William Buġeja ddeċieda jirrapporta li kien xhud okulari tal-inċident kif ġej:

"*nhar il-17/05/2014 huwa kien għaddej bil-vann tiegħu direzzjoni lejn Ħal Qormi u ra żiemel daqsxejn imbiegħed minnu u f'ħin minnhom għaddiet vettura silver b'veloċitá qawwija u ta daqqa lil-sid il-vettura minn wara u baqa sejjer. ...Huwa kompla jgħid li x'ħin ra lill-sid iż-żiemel ma l-art huwa waqaf jara x'għandu iżda meta rawh xi nies ħdejh bdew jakkużawh li laqtu hu. Għalhekk huwa qabad il-vann tiegħu u mar jipprova isegwi l-karozza. Meta laħaqha huwa qal li waqaf ikellmu għax l-affarijiet ma jmorrux hekk. William kompla jgħid, li hu saq wara l-vettura li kienet laqtet is-serkin, u kien waqqafha u kellem lil ċertu Philip Tonna ID no:260389M residenti ġewwa Ħal-Qormi u meta ġie muri ir-ritratt fuq is-sistema ta' l-NPS dan ikkonferma l-identitá tal-persuna li kien kellem dakinhar ta' l-inċident.*"

Fl-Affidavit tiegħu a' fol 357, William Buġeja jispeċifika li " *dak inhar* [tal-inċident] *it-triq kienet xotta waqt li temp kien tajjeb u x-xemx kienet diġa telgħet sew. Meta jiena lmaħt is-sewwieq taż-żiemel hu kien qed jsuqu fuq in-naħa tax-xellug ta' triq. Fil-ħin u fil-pront fuq il-karreġġjata ta' barra qabiżni sewwieq li kien qed issuq vettura ta' għamla Volkswagen mudell Golf ta' kulur griż. Ngħid li kien*

*għaddej b'veloċita b'saħħitha. Jiena dak il-ħin kont għaddej bil-mod ma kienx hemm vetturi fit-triq u għaġla ma kelliex. Meta f'daqqa waħda dan is-sewwieq li kien qed isuq il-Volkswagen Golf ġibed ftit lejn in-naħa tax-xellug... u hemm seħħet il-ħabta. Intant is-sewwieq tal-vettura laqat lis-serkin fuq wara. Niftakar li l-vettura laqtet ir-rota tas-serkin tan-naħa tal-lemin, b'konsegwenza li min kien qed issuq iż-żiemel għola madwar żewġ sulari u waqa' mal-art fuq in-naħa tax-xellug fin-nofs tal-karreġjata. Is-sewwieq tal-vettura baqa' sejjer, l-ewwel jiena waqaft sabiex nara jekk is-sewwieq taż-żiemel kellux bżonn xi ħaġa. Hemm jiena għaraft li kien Charlie Taliana. Jiena lil Taliana ilhi nafu peress li jiena kont naħdem mal-imgallem tiegħu. Għall-ewwel ħsibt li kien ser jieqaf iżda hu baqa' sejjer. Kif rajt hekk jiena qbadt u tlaqt bil-vettura tiegħi warajh. Wara s-sewwieq daħalli wara l-binja fejn hemm is-soċjetá Toyota u hemm jiena sibtu iċempel lil xi ħadd. Jiena kellimtu u għidtlu x'ġara u hu qalli li ma raħx. Morna lura bil-vetturi rispettivi tagħna flimkien fejn seħħ l-inċident. Wara morna fuq il-post u rajt lis-sewwieq taż-żiemel mal-art fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Bqajt hemm sakemm ġew il-paramediċi fuq il-post u jiena tlaqt l'hemm".*

Min-naħa tiegħu l-Attur fix-xhieda tiegħu ddeċieda jvarja l-verżjoni li ta' lill-Pulizija dik inhar tal-inċident kif ġej:

"***Xhud:*** *Fis-sbatax (17) ta' Mejju, elfejn u erbgħatax (2014), kienu xi l-ħamsa ta' filgħodu ħriġt mid-dar u tlajt lejn ir-razzett.*

***Dr. Louis Bianchi***: *X'hemm ir-razzett?*

***Xhud:** L-annimali. Żwiemel u sakemm ħallejtu biex jisbaħ hekk qgħadt nagħlef u nagħmel. Imbagħad sebaħ u ħriġt bil-mod 'il barra bid-debba.*

***Dr. Louis Bianchi:** Fejn kont? Fejn ħriġt 'il barra? F'liema belt jew triq? Tiftakar?*

***Xhud:** Tat-triq ta' Ħaż-Żebbuġ.*

***Dr. Louis Bianchi:** Li tagħti lejn Ħaż-Żebbuġ.*

***Xhud:** Li tmur għal tas-Siġġiewi.*

***<u>Kont nieżel in-naħa tax-xellug</u>** <u>u bdejt nieżel 'l isfel bil-mod</u>. Imbagħad ħarist lura biex, <u>kont bi ħsieb biex naqsam u ma tagħnix ċans</u> u sibt ruħi fl-ajru. Imbagħad ħadt tisbita mal-art. Intlift minn sensija. Imbagħad ġejt naqra f'tiegħi u sibt ruħi fuq bankina ta' pet shop. Imbagħad smajt lil William jgħidli, qalli.*

***Dr. Louis Bianchi:** William min hu?*

***Xhud:** William, kunjomu.*

***Dr. Louis Bianchi:** Ma tiftakrux?*

***Qorti:** Bugeja?*

***Xhud:** Bugeja. Bugeja. Qalli ġibtulek lil dan li tajrek. Li ħarab minn fuq il-post. ... U ġiet l-ambulanza u erġajt intlift minn sensija.*

***Dr. Louis Bianchi:** Allright issa kieku kelli insaqsik fuq hemmhekk it-triq hija two carriages. Għandek karreġjata waħda u karreġjata ma' ġenbha. Jgħaddu*

*żewġ karozzi ma' ġenb xulxin. F'liema parti ta' dik, f'liema parti tat-triq ġejt milqut u fejn ġejt milqut?*

***Xhud:*** ***<u>Jien kont fuq in-naħa tax-xellug, aw tax-xellug</u>.***

***Dr. Louis Bianchi:*** *Tax-Xellug. Man-naħa tal-bankina jiġifieri?*

***Xhud:*** *Man-naħa tal-bankina.*

***Dr. Louis Bianchi:*** *Sew u is-serkin fejn ġie milqut? Fuq liema naħa tiegħu?*

***Xhud:*** *Fuq wara.*

***Dr. Louis Bianchi:*** *Fuq wara. Issa meta ġie dan l-individwu li Bugeja qallek li daħal ġo fik, min kien? Tiftakar min kien? Jekk kienx il-missier jew it-tifel?*

***Xhud:*** *Le it-tifel kien.*" (a' fol 408)

Fix-xhieda tiegħu Philip Tonna jikkonferma li huwa kien fil-fatt ix-xufier tal-vettura meta seħħet il-ħabta. Huwa jispjega l-verżjoni tiegħu tal-ħabta kif ġej:

"*Dort mar-roundabout nieżel 'l isfel <u>fuq in-naħa ta' ġewwa</u> fejn Ray Auto Dealer, hemmhekk hemm kappella żgħira.....jiena nieżel 'l isfel.*

***Dr. Edward Gatt:*** *Nieżel 'l isfel għal liema direzzjoni?*

***Xhud:*** *Min Ħaż-Żebbuġ għal Ħal Qormi mhux għas-Siġġiewi. Nieżel <u>fuq in-naħa ta' ġewwa</u>...*

***Dr. Edward Gatt:*** *<u>Fuq in-naħa ta' ġewwa</u>, hemmhekk kemm -il karreġġjata fiha t-triq?*

***Xhud:*** *Waħda u waħda fuq barra ...*

***Dr. Edward Gatt:*** *Mela tnejn.*

***Xhud:*** *Hemm waħda barra u waħda ġewwa. <u>Jien kont fuq in-naħa ta' gewwa</u> u jien u nieżel kien hemm iż-żiemel bla vest, bniedem ...*

***Dr. Edward Gatt:*** *X'ħin kien dan?*

***Xhud:*** *Bla dawl fis-sitta ta' filgħodu, nieżel u jien u nieżel ...*

***Dr. Edward Gatt:*** *Kif kien riekeb?*

***Xhud:*** *Hu kien riekeb normali.*

***Dr. Edward Gatt:*** *Imma int trid tgħidli. Kif kien qed isuq iż-żiemel?*

***Xhud:*** *Kien fuq xarretta bilqiegħda, kien bis-suit imma s-suit ma kinitx imlibbsa fuqu, kienet imdendla.*

***Dr. Edward Gatt:*** *X'jiġifieri suit?*

***Xhud:*** *Boiler suit ngħidiliha jien taż-żwiemel imma ma kinitx imlibbsa fuqu s-suit kienet imniżżla minn wara jiġifieri kien b'żaqqu barra jiġifieri ma jidher xjen, kont nieżel jiena u jien u nieżel dritt, iż-żiemel tiegħu minn wara, qegħdin maġenb xulxin hekk, bir-rota ta' din in-naħa, iż-żiemel tiegħu ħariġli 'l hawn u missejtlu r-rota biss jien ...*

***Qorti:*** *Qegħdin ma xulxin hekk, spjega bil-kliem.*

**Xhud:** *Jiġifieri hu kien fuq in-naħa ta' barra u jien kont fuq in-naħa ta' ġewwa. Biż-żiemel kien fuq in-naħa ta' barra hu jiġifieri f'nofs it-triq mhux ħa jdur. Jiġifieri jekk taf fejn eżatt, il-kappella qiegħda f'nofs tat-triq jiġifieri għandek ħafna biex tinżel 'l isfel, ma tistax tibqa' biż-żiemel barra u jien x'ħin kont eżatt fuq din in-naħa ta' ġewwa, hu ż-żiemel tiegħu, jiġfieri kbir iż-żiemel tiegħu, ħareġ u ħasadni lili ż-żiemel u* ***bir-rota ta' din in-naħa, jiġfieri n-naħa tax-xellug****,* ***jien missejtu bin-naħa tal-lemin tar-rota tiegħi****.*

**Dr. Edward Gatt:** *U x'rajt li ġara dak il-ħin?*

**Xhud:** *Jien rajt lilu niżel biss malart, mhux għola, niżel, iż-żiemel tiegħu ħarab bil-karrozzin b'kollox ...*

**Dr. Edward Gatt:** *Liema direzzjoni mar iż-żiemel?*

**Xhud:** *Iż-żiemel niżel għal ġor-roundabout il-kbira li tmur għas-Siġġiewi. Jiena mort wara ż-żiemel, iż-żiemel waqaf fejn ir-roundabout, jien dort ġejt ħdejh, ir-raġel qamm minn mal-art, mar bilqiegħda faċċata ...*

**Dr. Edward Gatt:** *U x'għamilt int? Issa li għamilt ħażin għidu.*

**Xhud:** *Jien inħsadt, dak il-ħin tferfixt, rajt żiemel kbir jiġifieri, enormi ż-żiemel tagħhom, kbir ħafna, soqt warajh, iż-żiemel waqaf, dort mar-roundabout, erġajt mort ħdejn Taliana, inżilt għidtlu orrajt inti, qalli iva orrajt naħseb li ż-żiemel weġġa u ż-żiemel ġie wieħed ġinġer ġibidulu miegħu, għidtlu int orrajt, qalli jien orrajt m'għandi xejn. Wara ħin twil ġiet l-ambulanza,* ***il-pulizija ma ġewx*** *...*

**Dr. Edward Gatt:** *Int x'għamilt imbagħad fejn mort?*

***Xhud:*** *Jien bqajt hemm ħdejk.*

***Dr. Edward Gatt:*** *U l-car fejn ħallejtha?*

***Xhud:*** *Ħallejtha hemmhekk.*

***Dr. Edward Gatt:*** *Imbagħad x'ġara?*

***Xhud:*** *Cempilt lil missieri għidtlu ejja naqra għax kellna accident, ġie missier, morna l-isptar warajh, il-**pulizija ma ġewx u sibna l-pulizija ġew warajna l-isptar.**"* (a' fol 481).

Fil-kontro-eżami tiegħu l-Konvenut Philip Tonna madanakollu varja l-verżjoni tiegħu kif ġej:

"*Ħa ngħidlek eżatt. Mela inti, meta nieżel minn ħa nurik b'idejja. Meta niżel min-naħa tax-xellug, hawnhekk hawn ray Auto Dealer fin-nofs tat-triq. Eżatt. Hemmhekk hemm il-lights. Issa.* ***<u>Jien kont nieżel warajh.</u>*** *<u>Żiemel, iż-żiemel kien niżel din-naħa</u>* ***<u>ma ġewwa</u>****. Malli wasal eżatt qabeż ir-Ray Auto Dealer, eżatt fejn il-lights, jiena xgħelt l-indicator u qbiżt 'il din-naħa. Malli qbiżt 'il din naħa eżatt, ħareġ iż-żiemel. Ħareġ iż-żiemel iġifieri ħareġ b'saħħtu ta' iġifieri iż-żiemel. ... lilu ma rajtux, b'żaqqu barra, bla dawl xejn. Iġifieri –* " (a' fol 583).

Skont l-konvenut Philip Tonna, missieru ġie mniżżel fir-rapport bħala s-sewwieq floku fuq instigazzjoni tal-Attur stess. Dan għal raġunijiet mfissra fix-xhieda tiegħu (a' fol 485 u 486, 538F u 538I). L-Attur jinnega dan billi jgħid li din kienet idea tal-Konvenuti li anke offrewlu l-flus '*biex ninsew kollox*' (ara xhieda a' fol 411, fol 474, 475 u 476). Fuq dan il-punt xehedu bil-mezz ta' affidavit oħt il-mara

tal-Attur Josianne Falzon u s-sieħeb tagħha James Grech fejn taw l-istess verżjoni bħal dik tal-Attur (a' fol 375 u 376).

L-Intimat Philip Tonna jirrimarka wkoll, meta mistoqsi in kontro eżami u wara li nqrat lilu l-verżjoni ta' missieru l-konvenut John Tonna kif imniżżla fir-rapport, li l-verżjoni proprja kif mogħtija minn missieru lil-pulizija ma hijiex dik li ġiet effettivament imniżżla fir-rapport (ara a' fol 256 u kontro/eżami a fol 538V).

Jirriżulta li l-Attur ġie meħud b'ambulanza d-dipartiment tal-emerġenza fl-Isptar Mater Dei fejn hemm ġie invistat minn Dr. Monica Camilleri fit-8.30 ta' filgħodu. Dr. Camilleri sabet li l-Attur kien qed isoffri minn ksur ta' rukell wieħed f'daru kif ukoll grif fl-irkoppa tal-lemin u fis-sieq u fl-irkoppa tax-xellug u fis-sieq (ara xhieda Dr. Monica Camilleri a' fol 333). Hija ċċertifikat dawn il-ġrieħi bħala "*grevious per durata*" (ara ċertifikat a' fol 335).

Il-bhima ġiet ukoll min-naħa tagħha eżaminata dik inhar tal-inċident min Dr. Katiucha Galea li għamlet is-segwenti kostatazzjonijiet: "*she appears to have suffered several skin abrasions, in particular on her right hok, stifles, back, abdomen and left shoulder. She was very stiff on the walk especially in her hind quarters and was lame on the left fore. Overall superficial injuries as well as deep tissue injuries to her left shoulder. The mare was initially treated with long-term systemic anti-inflammatories as well as local infiltrations.*

*On the 27th of April 2018, the mare was re-examined by myself. She was found to still be lame on the right hind eg. She was certified* [still] *unfit for the purpose of racing and riding.*" (ara affidavit ta' Dr. Katiucha Galea a' fol 377 u ċ-ċertifikati

maħruġin minnha datati 17 ta' Mejju 2014 a' fol 360 u 27 ta' April 2018 a' fol 361).

Jidher li l-Pulizija kienet ħadet proċeduri kriminali kontra l-Konvenuti iżda dawn kienu ħarġu lliberati b'żewġ deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Kriminali (ara rapport l-aħħar linja a' fol 259, xhieda 347 u 475). L-istess Konvenuti, baqgħu ma eżebewx in atti dawn id-deċiżjonijiet. Dan minkejja li hekk obbligaw ruħhom li jagħmlu (ara verbali tal-udjenza tat-8 ta' Ġunju a' fol 538 u tas-7 ta' Lulju 2021 a' fol 539).

Ai fini ta' kompletezza jingħad li, kif jirriżulta mill-atti, l-Attur kien ukoll korra fi tlett inċidenti separati oħra apparti dak in mertu - tnejn minnhom anteċedenti u l-ieħor sussegwenti għall-inċident de quo (ara file mediku tal-Attur a' fol 60, 124, 141 u 176, elenku u dati ta' dawn l-inċidenti a' fol 501 u xhieda Attur a' fol 476).

Huwa inkontestat li t-triq li fiha seħħ l-inċident hija triq prinċipali u traffikuża, dritta, fiha żewġ karreġġjati wisgħin u li dak inhar kienet xotta u b'viżibilitá tajba għax kienet sorġit ix-xemx (ara rapport tal-Pulizija a' fol 258 taħt l-intestatura *Road and Weather Conditions*; xhieda eks surġent 546 Mario Deguara a' fol 347: "***xhud:*** *Hi qiegħda quddiem fejn hemm Noel Auto Dealer.* ***Dr. Edward Gatt:*** *Eżatt. Triq traffikuża ħafna din.* ***Xhud:*** *Iva.*"; affidavit William Bugeja a' fol 357 ġia ċitat supra; k/eżami Attur - a' fol 470: "***Dr. Edward Gatt:*** *Taqbel miegħi li hemmhekk it-triq hija triq ixxamplata, wiesgħa, fiha żewġ karreġġjati u iżjed?* ***Xhud:*** *Iva.*" Fol 471: ***Dr. Edward Gatt:*** *Ir-razzett tiegħek tista' tgħidilna bejn wieħed u ieħor mil-liema, ħriġt minn triq sekondarja biex ġejt fi triq prinċipali*

*fil-bypass?* ***Xhud:*** *Ħriġt biex niġbed għal isfel, għat-triq ta' Ħaż-Żebbuġ.* Fol 472: ***Dr. Edward Gatt:*** *.... Meta ksirt 'l isfel, inti taqbel miegħi li dik hija triq passiġġjuża ħafna hemmhekk?* ***Xhud:*** *Iva.* ***Dr. Edward Gatt:*** *Jużawha ħafna karozzi dik it-triq. U hemmhekk iddeċidejt li tmur inti bis-serkin.* ***Xhud:*** *Minn dejjem kont immur hemm.* ***Dr. Edward Gatt:*** *Iva imma hemm iddeċidejt li tmur. Ma mortx fi triq ġol-kampanja. Hemmhekk mort.*; k/eżami Konvenut Philip Tonna a' fol 539Q: ***Dr. Louis Bianchi:*** *... Naqblu illi t-triq li kont nieżel fiha, għandha żewġ lanes –* ***Xhud:*** *Eżatt.* ***Dr. Louis Bianchi:*** *Naqblu wkoll illi hija triq dritta –* ***Xhud:*** *Eħe –* ***Dr. Louis Bianchi:*** *U tista' tara fit-tul –* ***Xhud:*** *Mhux hekk.* ***Dr. Louis Bianchi:*** *Tajjeb. Issa. Meta ġara l-inċident, ix-xemx kienet telgħat –* ***Xhud:*** *Kienet ix-xemx.* ***Dr. Louis Bianhi:*** *Kienet ix-xemx. Triq niexfa. Mela. ...*"; ara wkoll l-istess k/eżami a' fol 538 T).

Fejn tidħol id-dinamika tal-inċident però il-Qorti ssib verżjonijiet manifestament kontrastanti bil-mod kif ġia espost fiċ-ċitazzjonijiet sottolinjati b'emfażi fil-parti tal-fatti esposti supra.

Skont il-verżjoni tal-Attur kif imniżżla fir-rapport tal-Pulizija huwa kien "*nieżel Imdina Road biż-żiemel mal-Ħajt tal-Pompa tal-Petrol ta' Falzon u Rajt li mu ġej ħadd u qsamt. Ftit wara li mxejt l-isfel man-naħa tar-rail, qlajt daqqa minn wara ġor-rota tax-xellug u mad-daqqa ramini ma' l-art.*" Din il-verżjoni ġiet varjata mill-Attur stess fix-xhieda tiegħu. Hemm l-attur jgħid li kien qed isuq is-serkin/xarretta fuq in-naħa tax-xellug tat-triq '*bi ħsieb biex naqsam*' meta il-Konvenut Philip Tonna '*ma tagħnix ċans*'. Il-verżjoni tax-xhud okulari William Buġeja kif mogħtija fl-affidavit tiegħu prodott mill-Attur terġa tikkuntrasta mal-

verżjoni tal-Attur stess kif mogħtija lill-Pulizija, partikolarment fejn qal li l-ħabta seħħet meta l-Konvenut Philip Tonna, saq il-vettura lejn in-naħa tax-xellug u din '*laqtet ir-rota tas-serkin tan-naħa tal-lemin*'.

Bil-kontra hija l-ewwel verżjoni tal-Konvenut Philip Tonna in eżami. Huwa jgħid li kien qed isuq '*in-naħa ta' ġewwa*' filwaqt li l-Attur kien qed isuq '*in-naħa ta' barra*' u 'x*'hin kont eżatt fuq din in-naħa ta' ġewwa, hu ż-żiemel tiegħu,... , ħareġ u ħasadni lili ż-żiemel u bir-rota ta' din in-naħa, jiġfieri n-naħa tax-xellug, jien missejtu bin-naħa tal-lemin tar-rota tiegħi.'*

Fit-tieni verżjoni mogħtija in kontro-eżami, il-Konvenut Philip Tonna jgħid li l-Attur kien qed isuq quddiemu u hu kien '*nieżel warajh*' fuq in-naħa ta' ġewwa meta qasam il-karreġġjata u '*malli qbiżt 'il din naħa eżatt, ħareġ iż-żiemel.*'

Li kieku ġew preżentati ritratti tal-konfigurazzjoni tat-triq biex fuqhom seta' jiġi mmarkat kif seħħ l-inċident kif ukoll ritratti tal-vettura u s-serkin/xarretta biex jiġi eżaminat in-natura u l-pożizzjoni tad-danni hemm subiti, din il-Qorti kienet tkun f'pożizzjoni ferm aħjar biex taċċerta d-dinamika vera tal-inċident. Ħadd iżda mill-partijiet ma għoġbu jagħmel dan. Il-Qorti ġiet mħollija tiddetermina l-kaġun u l-ħtija tal-inċident mil-verżjonijiet kuntrastanti tal-Attur, Konvenut Philip Tonna u x-xhud okulari William Buġeja li, kif iddikjara huwa stess fl-affidavit tiegħu, inzerta jaf lill-Attur.

Lanqas il-formola tal-*motor insurance claim* sottomessa a' fol 277 ma setgħet tkun wisq ta' għajnuna għal Qorti. Apparti li din ġiet iffirmata minn persuna li l-anqas biss kienet involuta fl-inċident, jiġifieri missier l-Attur, id-deskrizzjoni vaga tal-ħsara bħala '*front*' u ċirku markat fuq il-parti ta' quddiem tal-istampa ta'

karozza xejn ma tagħti indikazzjoni ta' kif setgħet seħħet il-ħabta. L-unika prova indizzjarja li tgħati ftit ħjiel oġġettiv ta' kif setgħa fil-fatt seħħ l-inċident hija l-ħsara tal-vettura kif ġiet deskritta fir-rapport tal-pulizija (a' fol 256).

F'dan l-isfond il-Qorti tirriskontra żewġ xenarji ta' kif seta' seħħ l-inċident. Waħda hija dik kif ġiet deskritta mill-konvenut fl-ewwel verżjoni tiegħu a' fol 481 u l-oħra kif ġiet deskritta minnu wkoll fit-tieni verżjoni tiegħu a' fol 538. Skont l-ewwel verżjoni l-Konvenut Philip Tonna kien qed isuq fil-karreġġjata tax-xellug filwaqt li l-Attur kien qed isuq f'dik tal-lemin meta ż-żiemel 'ħareġ' u bir-rota tax-xellug tas-serkin laqgħat in-naħa ta' quddiem tal-vettura misjuq mill-Konvenut Philip Tonna. B'din il-verżjoni jipprova jxxejjen il-verżjoni l-oħra mogħtija mill-Attur u x-xhud okulari William Bugeja.

Din il-Qorti tara però li ma tistax tistrieħ fuq din il-verżjoni hekk mogħtija mill-Konvenut Philip Tonna u twarrab dik mogħtija mix-xhud okulari William Buġeja, persuna disinteressata fil-mertu u li kienet preżenti meta seħħ l-inċident. Il-mod kif il-Konvenut Philip Tonna ħalla li jiġi stradat l-*aftermath* tal-inċident ma tispirax fiħ dik il-fiduċja meħtieġa biex tikkonvinċi l-Qorti toqgħod fuqu biss – huwa telaq minn fuq il-post tal-inċident, ċempel il-missieru għas-sokkors tiegħu, ħallih li jidher hu floku bħala s-sewwieq u saħansitra li jiġi mżeffen fin-nofs bħala 'passiġġier' id-direttur tal-kumpanija minn fejn kienet għadha kif ġiet akkwistata l-vettura. L-anqas biss daħallu f'moħħu li b'dawn l-inveritajiet u gideb seta' ukoll ġab terzi fl-inkwiet bla bżonn u ħtija. Il-fatt li ma kienx konsistenti la fil-verżjoni ta' kif seħħ l-inċident u lanqas x'ġara wara (ara fol 538 E fejn huwa jgħid li lis-surġent qallu li hu kien qed isuq kumparat ma fol 538K fejn huwa jgħid bil-

kontra) ikompli jsaħħaħ id-dubju dwar il-veraċitá ta' kliemu. Madanakollu fix-xhieda tal-Attur nsibu wkoll xi diskrepanzi, iżda ma humiex atroċitament manipulati bħal dawk tal-konvenuti, li ma ddejjqu xejn li saħansitra jagħmlu jiddikjaraw il-falz ma' Awtorita' kompetenti.

Rinfaċċjata b'dawn il-verżjonijiet differenti, il-Qorti hija munita bid-diskrezzjoni biex tasal għall-konklużjoni għall-liema mill-versjonijiet hija l-aktar waħda verosimili ġie ritenut fis-**Sentenzi fl-ismijiet Eucaristico Zammit -vs- Eustrachio Petrococchino tal-Qorti Kummercjali tal-25 ta' Frar 1952** u dik **fl-ismijiet Paul Vassallo -vs- Carmelo Pace tal-5 ta' Marzu 1986** ġie ritenut li l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.

Di piu' huwa dmir ta' din il-Qorti li tevalwa l-provi kollha u tasal għall-konklużjoni dwar liema waħda mill-versjonijiet hija l-aktar kredibbli, verosimili u attendibbli. Kif tagħmel hekk ikollha tistrieħ fuqha daqs li kieku hija s-sewwa assoluta. F'ċirkostanza bħal din, din il-Qorti hija konfortata minn lista twila ta' Sentenzi fosthom dik fl-ismijiet **Moira Galea -vs-Michael Zerafa, Appell, 6 ta' Ottubru 2000, Qorti tal-Appell fejn intqal li** "…..*jassumu rilevanza spiss determinanti b'provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-versjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement*

*mill-versjonijiet konfliggenti tal-partijiet….*" Li kieku din il-Qorti kellha iċaħħad dritt lil xi parti minħabba konfliġġenza fil-versjonijiet tkun qiegħda tabdika mill-obbligu tagħha li tagħmel ġustizzja.

Fid-dawl tal-provi li għandha quddiemha, li l-versjoni mogħtija mix-xhud William Buġeja għandha aktar mis-sewwa. Huwa minnu li dan ix-xhud qal li kien jaf lill-Attur, imma tajjeb jew ħażin, kien hu li ra l-inċident iseħħ, waqaf biex jagħti l-ewwel għajnuna u baqa' jsuq għal wara l-konvenut Philip Tonna (ara xhieda tal-Attur a' fol 409). Il-Qorti ma temmen xejn lill-konvenut Philip Tonna meta jgħid li baqa' jsuq għaliex ġera' wara ż-żiemel (a' fol 484). Jekk qatt, l-ewwel għajnuna messu ta lil bniedem u mhux lil bhima. Il-fatt li x-xhud William Buġeja kien jaf lill-Attur, ma jfissirx li ma għandux jitwemmen minħabba f'hekk biss. Dan huwa xhud li għamel d-dmir tiegħu ċiviku meta mhux biss waqaf biex jagħti għajnuna imma għamel aktar minn hekk. Li kieku ma kienx hu, x'aktarx ma kienx ikun magħruf minn kien qed isuq il-vettura. Sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi tali, li jwasslu lil Qorti biex tifhem, li x-xhud ma hux jgħid is-sewwa biex jgħin lil xi parti, ix-xhieda tiegħu għandha tingħata aktar piż minn dik tal-partijiet jew familjari tagħhom, li f'kważi bħal dawn għandhom kull interess li jiskolpaw lilhom infushom minn kull responsabbilita'.

L-ewwel kliem li l-konvenut Philip Tonna irrivolġa lejn William Buġeja kienu li ma kienx ra lill-Attur. Dan jgħidu l-imsemmi William Buġeja fl-affidavit tiegħu. Il-konvenut Philip Tonna kellu kull opportunita' sabiex jiċħad li qal dawn il-kliem ftit tal-ħin wara li ġara l-inċident, iżda dan ma għamlux, la meta xehed minn jheddu u lanqas in kontro eżami (ara a' fol 481 sa 487 u a' fol 538A sa 538V). l-

stess versjoni li ta missieru, il-konvenut l-ieħor John Tonna, meta falsament iddikjara mal-Pulzija li kien qiegħed isuq il-vettura hu (ara xhieda Spettur Kylie Borg a' fol 252). Din ta' "li ma rajtux għaliex kelli ix-xemx f'għajnejja" hija waħda mid-difiżi l-aktar popolari li tiltaqa' magħha l-Qorti f'kawżi ta' inċidenti awtomoblistiċi. Il-ġrieħi li ġarbet kemm il-bhima u n-natura ta' debilta' sofferta mill-Attur u tkissir tas-serkin, huma indikattivi ta' dak li qal William Buġeja u mhux l-Konvenut Philip Tonna. Dawn il-ġrieħi huma kompattibli ma' vettura li qed tinstaq b'veloċita' u li mal-impatt s-sewwieq ha sabta qawwija u mhux sempliċiment waqa' minn fuq serkin, kif jagħti x'jifhem il-konvenut Philip Tonna. Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed issib lill-konvenut Philip Tonna responsabbli għall-inċident, iżda mhux unikament.

Sewwieqa ta' vejikoli miġbuda minn bhima ma jgawdu ebda privileġġ partikolari jew trattament differenzjali minn sewwieqa ta' vetturi b'mutur ġaldarba jkunu fi triq pubblika. Filwaqt li l-Qorti tifhem li in-namra taż-żwiemel hija ħaġa fiha innifisha sabiħa, L-Attur kellu jara li ma jqiegħedx lilu nnifsu u l-bhima tiegħu f'riskju bla bżonn billi joħroġ biha fit-triq arterjali u traffikuża bħal ma hija Imdina Road (ara mistoqsija tal-konsulent legali tal-konvenuti lis-Surgent 564 a' fol 347 u kontro eżami tal-Attur a' fol 472). Dan mhux biss huwa dettat mir-raġuni u l-buon sens iżda jeseġiħ regolament 81 tal-istess Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq. Dan l-Artikolu jistipula espressament li "*Inġenji miġbudin miż-żwiemel għandhom jevitaw toroq prinċipali jew traffikużi imma jsuqu f'toroq sekondarji.* ***<u>Iż-żwiemel m'għandhomx jintrikbu jew jgħaddu minn toroq prinċipali jew traffikużi.</u>***" (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

F'dan ir-rigward il-Qorti tħoss li huwa applikabbli dak li jiddisponi l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

*"Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet* ***jew tat okkażjoni għall-ħsara****, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċiedi,* ***fid-diskrezzjoni tagħha****, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni"* (Emfażi tal-Qorti).

Il-vittma tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew tagħti okkażjoni għall-ħsara. Għalkemm dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għal ħsara jew tkun tat okkażjoni għaliha. Fil-każ tal-ewwel tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes seat belt u ma libsitux) u fit-tieni każ tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: qasmet bl-addoċċ meta kienet fis-sakra).

Ix-xorta ta' responsabbilita' tal-Attur f'din il-kawża hija minn dik tat-tieni każ. F'dan il-każ, meta l-Qorti tagħmel l-apporzjonament ta' responsabbilita għall-inċident, il-kwantum tal-kontributorjeta' huwa aktar aċċentwat, minn meta l-vittma tikkontribwixxi biss għall-ħsara li ssofri, iżda mhux għall-inċident. Dan il-prinċipju ġie applikat minn din il-Qorti kif presjeduta fis-**Sentenza tal-20 ta' Mejju, 2021 fl-ismijiet Censina Robinson -vs- Josef Zerafa**.

Għal-fatt li l-Attur kien qiegħed isuq vettura miġbuda b'żiemel fi triq arterjali meta mhux suppost għamel hekk, ifisser li ta okkażjoni għall-inċident għaliex ***<u>żwiemel</u>***

***m'għandhomx jintrikbu jew jgħaddu minn toroq prinċipali jew traffikużi*** skond kif jiddisponi ir-regolament fuq imsemmi. Ir-regolament huwa wieħed tassattiv u maħsub propju biex jkunu evitati inċidenti bħal dawk f'din il-Kawża. Li kieku l-Attur uża triq sekondarja, x'aktarx ma kienx ikollu inċident bħal dan. L-anqas ma huwa importanti jekk kienx kmieni filgħodu jew ħin ieħor tal-ġurnata. Kull ma jgħodd hija il-klassifikazzjoni tat-triq fejn ikun seħħ inċident, jekk hiex waħda prinċipali jew sekondarja.

Iżda milli jidher, l-Attur kellu jkollu bżonn inċident ekwestri ieħor biex jifhem, li sewqan ta' żwiemel f'toroq prinċipali, bħal ma hi Triq l-Imdina (a' fol 501) mhux biss ma hux rakkomandabbli iżda, addirittura mhux permissibbli mill-liġi. Għalhekk il-Qorti ser tkun qiegħda taddebita tletin fil-mija (30%) tat-tort lill-Attur għaliex b'għemilu ta' okkażjoni għall-inċident f'dan il-proporzjon.

_Danni kawzati_

Il-Qorti tibda, biex qabel xejn tirribadixxi l-prinċipju li fil-każ ta' likwidazzjoni tad-danni, għandha diskrezzjoni wisa' kif tista' tasal għalihom, basta li din tintuża biex issir ġustizzja. Di fatt l-awtur taljan Torrenti jsostni li "*la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**).

Dan ma jfissirx li din id-diskrezzjoni tista' tintuza' *in vacuum.* Anzi, trid tintuża fid-dawl tad-disposizzjonijiet legali u sabiex dawn jiġu applikati fl-aħjar dispensa

tal-ġustizzja. Infatti, fil-liġi tagħna, il-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi dejjem rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mill-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-imsemmi artikolu.

Fid-*damnum emergens* jidħol it-"telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali". Filwaqt li *lucrum cessans* jikkonsisti fit-"telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib."

Huwa ukoll innegabli, li l-metodu tal-valutazzjoni tad-danni kawżati lill-persuna, dejjem presenta problema mill-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi studju tad-diversi deċiżjonijiet in materja (ara Sentenza fl-ismijiet **Paul Debono -vs- Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim'Awla, 27 ta' April 2005**). Għalhekk, fil-fissazzjoni tad-danni, il-Qorti b'konsistenza mal-ermenawtika lokali, ser tkun qed issegwi l-prinċipji li stabbiliti minn dawn il-Qrati.

<u>*Lucrum Cessans*</u>

Sa fejn jirrigwarda dan ix-xorta ta' danni, ma tantx hemm fejn tinfixel. Minn diversi riċevuti esebiti l-Attur, fost oħrajn, qed jirriklama l-ammont totali ta' tlett elef mitejn u ħamsin ewro (€3250). Dawn jirrappreżentaw oġġetti mixtrija man-namra taż-żwiemel (a' fol 14, 15, 362 u xhieda Brian Hili a' fol 366). Oġġetti li b'konsegwenza tal-inċident kellu jixtri.

L-Attur qiegħed ukoll jippretendi, pagi li ħallas lil ċertu George Falzon u Vince Farruġia sabiex setgħu jlaħħqulu ma' xogħolu meta ma kienx jattendi b'konsegwenza tal-inċident (ara xhieda tal-Attur a' fol 414). L-uniku dokument li ġie preżentat huwa *statement* imħejji mill-Attur jew minn min kien joħodlu ħsieb ai fini ta' taxxa. Meta xehed rappreżentant tal-Malta Dairy Products dwar dawn il-pagi ma qal xejn (a' fol 425).

Mart l-Attur ukoll xehdet dwar dan, iżda qatt ma tressqu il-persuni li tħallsu biex jikkonfermaw dan il-ħlas jew tal-anqas ġew esebiti xi xorta ta' dokumenti uffiċjali dwar dan il-ħlas. In konsonanza mal-prinċipju ennunċjat minn artikolu 562 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegaħ. Fir-rigward ta' din il-pretensjoni tal-Attur, din il-prova ma saritx skont kif titlob il-liġi.

Dan ifisser li bħala *damnum emergens* l-ammont totali huwa ta' tlett elef mitejn u ħamsin ewro (€3250).

*<u>Damnum emergens</u>*

Il-fatturi priċipali li dejjem ittieħdu inkonsiderazzjoni mill-Qrati tagħna ai fini ta' likwidazzjoni ta' dan ix-xorta ta' dannu huma principalment is-segwenti: l-aspettativa tal-ħajja lavorativa tal-individwu, il-perċentwal ta' disabilita' sofferta u il-qliegħ mankanti u telf futur li jkun soffra lid-danneġġjat bil-varjazzjonijiet li kull każ jista' jġib miegħu.

Dak in-nhar tal-inċident, l-Attur kellu 45 sena (a' fol 556 nota ta' osservazzjonijiet tal-Attur). F'Kawżi bħal dawn, il-ħajja lavorativa hija marbuta minn meta jkun

seħħ l-att kolpuż sal-eta' pensjonabbli. F'dan il-każ is-sena pensjonabbli tal-Attur hija dik ta' 65 sena. Kif jissottometti l-Attur fin-nota tiegħu, il-multiplier ta' 18-il sena ikun ġust u dan minħabba l-inċidenzi tal-ħajja u cioe' *"the chances and changes of life"* (ara **Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet Saviour u Violet Sammut -vs- Robert Demanuele tat-12 ta' Lulju 2002**).

Dan ifisser, li ai fini ta' kalkolu l-ammont ta' snin li ser jittieħdu inkonsiderazzjoni huwa dak ta' 18 -il sena. Kwantu jirrigwarda il-qliegħ, dan ser ikun ikkalkolat fl-ammont għoxrin elf ewro fis-sena (€20,000) skont kif iddikjara fir-return tat-taxxa l-Attur. Ifisser li l-ammont li trid taħdem fuqu din il-Qorti sabiex finalment tasal għad-danni huwa dak ta' tlett mija u sittin elf (€360,000).

Minn dan l-ammont irid jitnaqqas il-*lump sum payment*. Skont prattika kostanti stabbilita minn dawn il-Qrati, mis-somma fuq imsemmija, irid jitnaqqas l-ammont ta' 20% għal raġuni li tali kumpens isir f'daqqa u bil-quddiem ('lump sum percentage deduction'). Ġie stabbilit iżda, li sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis, dan il-kumpens għandu jingħata meta jkun għadda żmien qasir mill-inċident u s-Sentenza finali, tant li jekk bejn id-data ta' l-event dannuż u d-data tal-pagament effettiv jgħaddu diversi snin, dan it-tnaqqis m'għandux iseħħ (ara **Julie Scicluna vs Sammy Meilaq, Qorti Civili Prim' Awla, 16 ta' Lulju 2001**). Fis-Sentenza tal-**Qorti tal-Appell fl-ismijiet Anthony Turner et -vs- Francis Agius et, tat- 28 ta' Novembru 2003** gie osservat, li meta l-azzjoni ddum tkarkar, meta tingħata s-Sentenza finali, dan *"għandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis għal fini ta' 'lump sum payment"*. Dawn is-sentenzi jistabilixxu ukoll li l-persentaġġ li għandu jitnaqqas gradwalment mat-tabella taż-

żmien fejn anke jista' jagħti każ, li dan il-prinċipju ma jiġi applikat xejn jew fil-minimu tiegħu possibbli.

Din il-Kawża ġiet presentata fid-29 ta' Diċembru 2017, tenut kont tan-numru ta' seduti li ġew differiti minħabba l-epidemija tal-Covid 19, din il-Qorti ma jidhirlix li għandha tagħmel tnaqqis fil-lump sum payment. Għalhekk meta applikat it-tnaqqis ta' dan il-perċentwal minn €360,000 dan jammonta għal mitejn tmienja u tmenin elf ewro (€288,000)

Imiss għalhekk li jkun ikkalkulat l-ammont li huwa dovut abbażi tal-permanenza tal-ġrieħi li soffra l-Attur. Apparti ir-rapport ex-parte li produċa l-Attur, din il-Qorti ħatret żewġ esperti mediċi u ċioe' lil Mr. Carmel Sciberras ortopedologu (ara r-rapport a' fol 369) u kif ukoll lil Dr Anthony Galea Debono newrologu sabiex jeżaminaw lill-Attur (ara rapporti a' fol 369 u a' fol 400 rispettivament). Rispettivament sabu li l-Attur qiegħed isofri minn disabilita' permanenti ta' 8% u 15%. Iż-żewġ esperti espressament jgħidu li kienu konsapevoli tat-tieni inċident wara l-ewwel wieħed u ċioe' dak mertu ta' dawn il-proċeduri.

Il-konvenuti bħal donnhom qed jargumentaw li wara l-inċident l-Attur jinsab tajjeb u li mhux veru għandu diżabilita. Bħala prova l-konvenut Philip Tonna esebixxa numru ta' ritratti li juru lill-Attur fost oħrajn għal vaganzi u dgħajjes tal-baħar (a' fol 502 sa 525). Sabiex din il-Qorti tasal jekk persuna hiex aflitta minn diżabilita' ma tistax toqgħod fuq ritratti iżda fuq provi mediċi u konkreti. Ir-rapporti taż-żewġ esperti jistabilixxu li hemm diżabilta' permanenti u saħansitra ħadu kont ta' inċident ieħor li kellu l-Attur. Fir-rapport tagħhom f'ebda ħin ma

jeskludu li l-ġrieħi li rriskontrati ma kienux dawk relatati mal-inċident mertu tal-Kawża.

Meta ġew preżentati dawn ir-rapporti ħadd mill-partijiet ma talab il-ħatra ta' periti addizzjonali u lanqas saret eskussjoni ta' dawn il-periti. Għalhekk din il-Qorti ma issibx li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li titbiegħed mill-konklużjonijiet ta' dawn l-esperti b'dana li ser tkun qiegħda taddotthom. F'dan il-każ għandha żewġ rapporti u għalhekk trid tasal għal *weighted average* bejn iż-żewġ rapporti.

Dwar dan il-prinċipju Il-ġurisprudenza tgħallem illi fejn il-persuna danneġġjata jkollha diversi debilitajiet, huwa normali illi l-Qorti tasal għal weighted average fir-rigward tal-perċentwal ta' diżabilita`. Hawnhekk issir referenza għas-**Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Joseph Bartolo et -vs- George Zammit, deċiża fit-30 ta' April, 2001**, fejn meta il-Qorti f'każ ta' numru ta' debilitajiet, sabet ma' wiċċha diversi perċentwali ta' debilita' kkummentat hekk:

" *Din id-diffikulta' gejja wkoll mill-fatt li The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion. Per Morris L.J. in Scott v Musial."*

Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet M. Caruana -vs- G Camilleri tal-5 ta' Ottubru 1993**, il-Qorti fid-deliberazzjonijiet tagħha dwar dan il-prinċipju għamlet referenza għas-sentenza Butler -vs- Heard fejn intqal li "*dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita' f'sens purament mediku, izda l-effett illi l-hsara*

*personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat."* Dan il-prinċipju kien adottat ukoll, fis-**Sentenza tal-31 ta' Jannar, 2014, fil-kawża fl-ismijiet Brian Micallef -vs-. Brian Tyre Services Limited**, fejn f'każ ta' persuna li sofriet minn diversi debilitajiet konsegwenza ta' inċident li ġarrbet, issemmiet il-ħtieġa li tiġi stabbilita weighted average:

*"Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala weighted average, fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-weighted average, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et, App. 20.02.2009)*."

Fl-aħħar nett, f'Sentenza aktar reċenti ta' din il-**Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet Silvan Farruġia -vs- Carmelo Gatt et** ingħad hekk fir-rigward:

*"Illi l-artikolu 1045 tal-Kodiċi jagħmilha ċara illi l-komputazzjoni tad-danni issir a bażi tad-danni patrimonjali soffert minn dik il-persuna, u għalhekk il-Qorti bilfors trid tallaċja l-komputazzjoni tal-weighted average mal-impatt illi d-diversi menomazzjonijiet li sofra l-appellant jista' jkollhom fuq il-kapaċita lavorattiva u l-qliegħ futur tiegħu. Fil-fatt hija ġurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin illi l-perċentwali ta' disabilita` li trid tiġi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapaċita`*

*f'sens purament mediku iżda fuq l-effett illi din għandha fuq il-qliegħ tad-danneġjat."*

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim u tal-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li il-*wieghted average* huwa dak sittax fil-mija diżabilta' (16%). Għalhekk, 16% ta' €288,000 iġibu sitta u erbgħin elf u tmenin ewro (€46,080). Ma dawn għandhom jingħaddu l-ammont l-ieħor ta' tlett elef mitejn u ħamsin ewro (€3250) li jirrappreżentaw damnum emergens. B'kollox disgħa u erbgħin elf tlett mija u tletin ewro (€49,330)

Kif diġa' stabbilit aktar 'l fuq, l-Attur għar-raġunijiet spejgati, għandu jerfa' 30% tat-tort f'dawn ix-xorta ta' danni. Dan iffisser, li s-somma finali bħala likwidazzjoni ta' danni tammonta għal erbgħa u tletin elf ħames mija u wieħed u tletin ewro (€34,531).

Kwantu għall-konvenut John Tonna, dan ser ikun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex minkejja li kien irraporta li kien hu li qiegħed isuq il-vettura, dan ma kienx minnu. Għalhekk huwa qatt ma seta' jkun l-kawża prossima tal-inċident. Di fatti dan il-konvenut jissemma' fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-Attur, fl-eventwalita' li jirriżulta li hu kien qiegħed isuq. Kien il-konvenut l-ieħor li kien qiegħed isuq u li għalhekk ser ikollu jkun hu li jissopporti l-ispejjeż kollha ta' dan il-konvenut.

Kwantu għas-Soċjeta' intervenuta fil-Kawża din ser ikollha tissoporti l-ispejjeż tagħha hi.

**Decide:**

Din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti;.

**Tillibera lill-konvenut John Tonna** mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** fil-konfront biss ta' Philip Tonna.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tilllikwida id-danni sofferti mill-Attur fis-somma erbgħa u tletin elf ħames mija u wieħed u tletin ewro (€34,531).

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** billi tikkundanna lill-konvenut Philip Tonna jħallas is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-Kawża kwantu għal tletin fil-mija (30%) għall-Attur u r-rimanenti sebgħin fil-mija (70%) għal konvenut ħlief għal dawk tal-konvenut John Tonna, li għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut Philip Tonna.

Spejjeż tal-intervenut fil-Kawża għall-istess intervenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**